MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 185/2009

**A B f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri F B**
**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985), u dana skond ic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok LZ 1;
2. Illi minn dan iz-zwieg huma ghadhom erbat itfal, tlieta minnhom maggorenni (L – li ghandu tlieta u ghoxrin sena, I – li ghandha ghoxrin sena u P – li ghandu dsatax-il sena), u F – minuri ta' hames snin li twieldet fl-4 ta' Mejju 2004;

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba ingurji gravi, adulterju, sevizzi u theddid komessi mill-intimat fuq martu, u htija ta' dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;
4. Illi di piu l-intimat hedded lir-rikorrenti bil-mewt diversi drabi, u dan sahansitra waqt is-sessjonijiet ta' medjazzjoni fil-proceduri odjerni;
5. Illi l-intimat, kemm qabel kif ukoll waqt il-medjazzjoni sahaq li ried joqtol lir-rikorrenti u lill-partner li hija ghandha llum u 'jaqfel' lill-minuri F go istitut. Rinfaccjata b'daqstant ostilita' da parti ta' l-intimat versu sahansitra l-minuri, din il-Qorti, permezz ta' Digriet taghha tad-19 ta' Dicembru 2008, innominat lis-social worker Denise Portelli sabiex thejji rapport. F'dan ir-rapport – Dok LZ2 anness - jispikkaw it-theddid u l-ostilita' ta' l-intimat, u l-konvinzjoni ta' l-istess intimat illi l-minuri F ghandha "tinqafel go istitut";
6. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkat Dok LZ 3;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-konjugi B minhabba ingurji gravi, adulterju, sevizzi u theddid komessi mill-intimat fuq martu;
2. Tafda l-kura l-kustodja tat-tifla minuri F f'idejn ir-rikorrenti;
3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ghaliha personali u / jew ghall-imsemmija minuri dik ir-retta alimentarja li dina l-Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u / jew tal-minuri u l-mezzi ta' zewgha;
4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat billi tikkunsidra t-tortijiet kommessi mill-intimat, b'konsegwenza ta' liema z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, okkorrendo billi jigi nominat Perit, Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun, u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti s-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u / jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili, Kap. XV1 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici pro et noe;

Rat in-nota guramentata tal-attrici tal-14 ta' Lulju 2009;

Rat illi l-konvenut ma pprezentax risposta guramentata u b'hekk baqa' kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn A B u l-intimat C B li zzewgu nhar l-20 ta' Jannar 1985[1] u frott ta' dan iz-zwieg tweldu erbat ulied, u cioe' L li ghandu 25 sena, I li ghandha 22 sena, P li ghandu 21 sena u Francesa li ghandha 7 snin. Il-Qorti tinnota wkoll li minkejja li l-intimat gie debitament notifikat bil-kawza odjerna, hu baqa' ma prezenta ebda risposta guramentata ghalkemm jaghti x-xhieda tieghu fil-mori tal-kawza kemm viva-voce kif ukoll permezz ta' affidavit.

**<u>VERZJONI RIKORRENTI</u>**

Ir-rikorrenti tikkontendi li l-hajja mizzewga bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba ingurji gravi, adulterju, sevizzi

[1] Liema certifikat huwa esebit a fol 5 tal-process

u theddid fosthom bil-mewt tal-istess rikorrenti komessi mill-intimat. Hi tghid ukoll li l-intimat jishaq li l-minuri Francesa ghandha tinqafel f'istitut tant li hekk kif jirrizulta mir-rapport redatt mis-social worker Denise Portelli[2] l-intimat baqa' jishaq fuq dan il-punt. Barra minn hekk, tghid li l-problemi fiz-zwieg bdew meta l-intimat wehel piena ta' habs. Minkejja li r-rikorrenti ssostni li ghamlet minn kollox biex tibqa' zzomm il-familja taghha maghquda tant li kienet tmur izzuru l-habs regolarment kif ukoll tiehu lill-uliedhom biex jaraw lil missierhom, kollox mar aktar ghall-aghar meta wara li hareg mill-habs, l-intimat rega' nstab hati ta' stupru ta' tfajla u inghata sentenza ta' habs ohra. Hi tirrakkonta kif wara li skonta din it-tieni sentenza ta' habs u mar lura d-dar, indunat li kienet birdet minnu kompletament. Minhabba c-cirkustanzi u minhabba l-fatt li l-intimat ma kienx jikkontribwixxu ghall-bzonnijiet tal-familja (anke meta kien jahdem), ir-rikorrenti kellha tohrog tahdem u tmantni lill-familja taghha, inkluz lill-intimat zewgha.

**VERZJONI INTIMAT**

L-intimat jikkontendi li r-raguni li wasslet ghat-tifrik taz-zwieg kienet ir-relazzjoni extra-matrimonjali li kellha r-rikorrenti. Skond hu, kienet din ir-relazzjoni li wasslitu sabiex hu wkoll ikollu relazzjoni ma' terza persuna. Dwar il-kwistjoni ta' manteniment, l-intimat jghid li huwa lest li jhallas manteniment ghal bintu l-minuri izda jiddikjara li prezentement (*stante* li l-affidavit tieghu mahluf nhar it-23 ta' Mejju 2012) m'ghandu ebda introjtu peress li ghadu hiereg mill-habs. Jghid ukoll li m'huwa qieghed jippretendi xejn bhala manteniment minghand martu u jghid ukoll li sa' fejn jaf hu, r-rikorrenti hadet dak li riedet mid-dar matrimonjali.

**PROVI OHRA MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI**

Il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport redatt mis-social worker Denise Portelli msemmi aktar 'il fuq fejn l-istess social worker tirrileva li d-dar fejn tghix ir-rikorrenti hija

[2] Ara r-rapport esebit a fol 6 tal-process

"***dar komda li tilqek u mizmuma sew***". Is-social worker taghti spjegazzjoni ta' dak li tirrakkonta r-rikorrenti u cioe' li z-zwieg kien wiehed difficli, principalment minhabba l-fatt li kien hemm problemi kbar relatati mal-finanzi (peress li l-intimat kien dejjem igib xi skuza li serquh jew li tilef il-wallet jew xi skuza ohra) kif ukoll ta' adulterju. Fil-fatt, kien f'Settembru 2006 li r-rikorrenti skopriet li l-intimat kien qieghed imur ma' prostituta li kienet ukoll drogata, telqet mid-dar ghax ma riditx li tlaqqat xi marda. Ir-rikorrenti halliet kollox warajha biex hi flimkien ma' uliedha marret tghix ghand ommha.

Wara ftit xhur, ir-rikorrenti bdiet relazzjoni ma' certu Ray u sussegwentement marret tghix mieghu u maghha hadet lill-minuri Francesa li ghandha relazzjoni tajba mal-imsemmi Ray. Denise Portelli tirrilata wkoll fuq l-arrangament tal-minuri ghal dak li jirrigwarda rqad li inizjalment kien gie stabbilit peress li r-rikorrenti kienet qieghda tahdem f'*restaurant*. Is-social worker tghid ukoll li l-intimat ma jmurx jara lill-minuri regolarment izda biss "***meta jfettillu***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal-laqgha li kellha l-istess imsemmija social worker datata l-21 ta' Jannar 2009[3] fejn wara li gie mistoqsi x'jixtieq ghal dak li jirrigwarda l-minuri F, hu jghid li jrid "***isakkarha***" f'istitut ghax ma jridhiex tghix ma' ommha ghaliex ghandu suspett li bintu li torqod fis-sodda bejn ommha u l-partner taghha Ray. Huwa ta' importanza kbira ghall-Qorti li taghmel referenza wkoll ghat-twegiba tal-istess intimat meta jigi mistoqsi jekk jahsibx li l-minuri tixtieq tmur f'istitut u jghid "***x'jimpurtani. Issa minni jimpurtani***". L-istess social worker tiddikjara li l-intimat hedded li ser jaghmel ghall-partner tar-rikorrenti ghall-anqas tlett darbiet tul il-konversazzjoni taghhom tant li f'istanza minnhom stqarr li "***tebut trid tlestilu***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal laqgha li saret fil-prezenza tal-intimat u bintu l-minuri F. Din tal-ahhar kienet ferm aktar kwieta mil-laqgha precedenti u ghalkemm

[3] Ara a fol 9 tal-process

pruvat titla' fuq hogor missierha u tghannqu, hu deher mifxul fis-sens li ma kienx jaf kif ser jikkomporta ruhu. Dan jikkontrasta ferm dak li s-social worker tirrelata dwar ir-relazzjoni tal-istess minuri ma' Ray (il-partner ta' ommha) u r-relazzjoni li ghandha ma' zijitha Rita li tghix maghha f'xi granet matul il-gimgha.

Il-Qorti tirrileva wkoll li ghalkemm l-intimat ma intavola ebda risposta guramentata u m'ghamel ebda talba formali sabiex jara lil bintu l-minuri, in vista tar-rapport tas-social worker Denise Portelli u in vista tad-dikjarazzjoni tal-istess minuri li ghalija ghandha tlett missierijiet (wiehed minnhom missierha proprju u cioe' l-intimat) u li thobbhom lkoll, il-Qorti thoss li huwa fl-ahjar interessi tal-istess minuri li jkollha rapport (anke jekk taħt supervizjoni) ma' missierha u dan bil-ghan li l-intimat jitghallem jibni relazzjoni ma' bintu filwaqt li fl-istess hin din tal-ahhar issir tafu bil-mod il-mod. Jibqa' l-fatt li l-intimat ma sab ebda diffikulta' sabiex jiddikjara li ghandu kull intenzjoni li jhebb ghall-partner tar-rikorrenti u fuq kollox li jsakkar lil bintu f'istitut u huwa proprju fid-dawl ta' dan kollu li l-Qorti thoss li l-access versu l-minuri ezercitat mill-intimat ghandu jkun taħt supervizjoni sabiex il-minuri ma tigix soggetta ghal tali dikjarazzjonijiet u fuq kollox ma jkunx hemm perikolu ghal sahhitha jew ghall-*well-being* taghha.

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI**

Ir-rikorrenti tiddikjara li prezentement qieghda tghix flimkien ma' bintha l-minuri fid-dar tal-partner taghha Ray (ghalkemm l-istess minuri tqatta' xi granet ukoll ghand zijitha Rita) izda tikkontendi li ghandha xorta wahda tinghata manteniment *stante* li din ir-relazzjoni bdiet wara li l-istess rikorrenti telqet mid-dar u konsegwentement m'hemm ebda dekadenza da parti taghha. Il-Qorti ma taqbilx in toto ma' dan l-argument *stante* li l-obbligu tal-fedelta' jibqa' *in vigore* anke tul il-proceduri ta' separazzjoni (ghalkemm fl-istess hin tifhem li kien l-istess intimat li wassal lir-rikrorenti sabiex titlaq minn dan iz-zwieg). Ir-rikorrrenti tghid ukoll li tghix fuq il-beneficcji socjali peress li l-intimat ma jhallas ebda manteniment

izda l-Qorti tirrileva li fl-istess hin, ir-rikorrenti tiddikjara li Ray (u cioe' l-partner taghha) "***izommha fuq wicc l-idejn***"[4]. In vista ta' din id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti stess, in vista tal-fatt li l-intimat ghandu introjtu minimu u in vista tal-fatt li jirrizulta b'mod car li r-rikorrenti hija kapaci tahdem (u dan stante li jirrizulta mill-atti li fil-fatt kienet tahdem gewwa *restaurant*), il-Qorti thoss li fic-cirkustanzi, l-intimat m'ghandux ihallas manteniment ghal martu.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT TAL-MINURI</u>**

Il-Qorti hija tal-fehma li huwa fl-ahjar interessi li l-minuri ghandha tibqa' tghix mar-rikorrenti ommha u konsegwentement l-intimat ghandu jassumi r-responsabbilita' ta' bintu billi jhallas manteniment li jikkontribwixxi ghall-ghixien taghha u dan sakemm l-istess minuri tkun ghadha qed tistudja fuq bazi full-time u sa' massimu l-eta' 23 sena jew tkun qieghda tahdem fuq bazi full-time, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Huwa inkoncepibbli ghall-Qorti u ghall-ligi nostrana li missier jfarfar mir-responsabbilita' versu bintu u ghalhekk, jekk ma jikkontribwixxix b'modi differenti (apparti dawk finanzjarji) ghandu zgur jikkontribwixxi b'mod finanzjarju ghall-istess bint.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT</u>**

Illi l-Qorti dwar din it-talba, thoss li fic-cirkustanzi, mill-provi migbura kif ukoll mill-agir tal-istess intimat (specjalment fil-prezenza tas-social worker u l-ammissjonijiet u t-theddid tieghu) m'hemm ebda dubju li l-istess intimat kien responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg u ghalhekk il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-intimat u l-agir irresponsabbli u vjolenti tieghu waslu ghall-firda tal-partijiet.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

[4] Ara a fol 40 tal-process

Illi permezz tax-xhieda taghhom il-partijiet jaqblu li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti m’hemm xejn. Iz-zewg partijiet jiddikjaraw li m’hemm ebda dejn gravanti l-istess komunjoni tal-akkwisti pero’ fid-dawl ta’ dan kollu u fid-dawl ta’ nuqqas ta’ prova dwar l-istess assi jew dejn, il-Qorti thoss li huwa gust li f’kaz li jirrizulta xi dejn li jirrisali ghall-komunjoni tal-akkwisti, dan ghandu jkun imhallas b’mod esklussiv minn dik il-parti li tkun kontrattat tali dejn. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghan-nota ta’ pretensjonijiet prezentata mir-rikorrenti fejn tikkontendi li ghalkemm l-ghamara li kien hemm fid-dar gia matrimonjali li hija fattwalment proprjeta’ parafernali tal-intimat kienet formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, din ghandha tigi assenjata lill-intimat. Ir-rikorrenti izda tiddikjara wkoll li hija ghandha proprjeta’ parafernali gewwa l-istess dar li jinkludu bedspread tal-kulur beige u wine, enciklopedija tat-tfal, sett tal-ikel u magna tal-hjata antika u tikkontendi wkoll li ghandha tiehu l-hwejjeg u l-effetti personali taghha.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet msemmija fl-istess imsemmija ewwel talba;

[2] Tilqa’ t-tieni talba u tafda l-kura u l-kostodja tal-minuri F bint il-partijiet f’idejn ir-rikorrenti b’mod esklussiv b’dan illi l-intimat ikollu access ghall-istess minuri ta’ darbtejn fil-gimgha u cioe’ nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis bejn il-5.00pm u s-7.00pm b’dan illi l-istess access ikun taħt is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg jew ta’ xi *social worker* hekk inkarigata mill-istess Agenzija Appogg;

[3] Tiffissa s-somma ta’ €200 bhala manteniment ghall-minuri Francesa li ghandu jibqa’ jithallas mill-intimat sakemm il-minuri taghlaq l-eta’ ta’ 23 sena u tkun qieghda tistudja fuq bazi full-time jew tkun qieghda tahdem fuq bazi full-time skond liema eventwalita’ ssehh l-ewwel u

konsegwentement tordna lill-intimat ihallas il-manteniment hekk likwidat lir-rikorrenti kull xahar;

[4] Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u billi tassenja l-bedspread tal-kulur biege u wine, l-enciklopedija tat-tfal, sett tal-ikel u magna tal-hjata antika lir-rikorrenti  filwaqt li tassenja l-ghamara kollha li tinsab fid-dar gia matrimonjali tal-partijiet u cioe' 195 Triq il-Madonna tal-Hniena Zejtun lill-intimat. L-intimat huwa ordnat jghaddi tali oggetti lir-rikorrenti mill-aktar fis possibli u mhux aktar tard minn 15 –il gurnata mid-data ta' din is-sentenza flimkien mal-hwejjeg u l-effetti personali li ghadhom fl-istess dar gia matrimonjali. F'kaz li jirrizulta xi dejn li jirrisali ghall-komunjoni tal-akkwisti, dan ghandu jkun imhallas b'mod esklussiv minn dik il-parti li tkun ikkuntrattat tali dejn;

[5] Tilqa' l-hames talba fl-*intier* taghha u konsegwentement tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 *et sequitur* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-intimat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------